**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-11 ta' Marzu 2019**

**Talba Numru 409/2018SFJ**

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Mark Anthony Zammit (24475M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u għoxrin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€822.72) in kwantu għal mitejn u erbgħa u tmnin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€284.94) in konnsessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40150247 u ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€537.78) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 51005719, bl-ispejjeż u d-drittijiet dovuti inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċal numru 990/16, bl-imgħaxijiet skont il-liġi.

Ra li s-servizzi miġbura fil-kont bin-numru 51005719 ġew ikkuntrattati mas-soċjetà Mobisle Communications Limited, liema soċjetà, b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, amalgamat fis-soċjetà GO p.l.c. u li l-konvenut kien interpellat sabiex jgħaddi għall-ħlas iżda baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba, li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument "A" li huwa l-prospett u *statement* li jindika dan il-bilanċ dovut;

ii. Dokument "B" li huwa s-*service agreement*;
iii. Dokument "Ċ" li hija l-ittra uffiċjali numru 990/16 taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ma ġietx innotifikata; u
iv. Dokument "D" li huwa estratt mir-Reġistru Elettorali li jindika l-indirizz irreġistrat tal-konvenut.

Ra li l-konvenut kien debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ iżda baqa' ma ppreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2019, Paul Gatt, għas-soċjetà attriċi, iddikjara taħt ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċetà attriċi fis-somma mitluba u għar-raġunijiet indikati f'din il-kawża.

Ra, għalhekk, li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet suffiċjentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u tnejn u għoxrin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€822.72) bl-imgħax legali li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat u bl-ispejjeż kollha kif mitluba fl-Avviż tat-Talba inkluż spejjeż u drittijiet in konnessjoni mal-ittra uffiċjali (maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) bin-numru 990/16.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**